

ANNESS I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Intrinsa 300 mikrogramma/24 siegħa garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull garża ta' 28 cm² fiha 8.4 mg ta' testosterone u tipprovdi 300 mikrogramma ta' testosterone kull 24 siegħa.

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda.

Garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda irqija, ċara, u ovali, *matrix-type*, li tikkonsisti fi tliet saffi: Rita ta' rinforz fid-dahar, translucida, b'saff ta' mediċina *matrix* li twaħħal, u b'inforra li tipproteġi r-reħi tal-mediċina, li titneħħa qabel ma titwaħħal. Kull wiċċ tal-garża hu stampat bil-kliem T001.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Intrinsa hu indikat għat-trattament ta' mard li fih persuna jkollha nuqqas ta' xewqa sesswali (*hypoactive sexual desire disorder, HSDD*) f'nisa li kellihom ooforektomija u isterektomija b'mod bilaterali (menopawsa ikkaġunata b'mod kirurġiku) li kienu qed jirċievu terapija bl-estroġenu fl-istess ħin.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Id-doża rakkomandata ta' kuljum ta' testosterone hi ta' 300 mikrogramma. Din tinkiseb billi l-garża tiġi applikata darbtejn f'għingħa fuq bażi kontinwa. Il-garża għandha tinbidel b'garża ġdida kull 3 sa 4 ijiem. Għandha titwaħħal garża waħda biss f'ħin wieħed.

It-trattament bl-estrogenu fl-istess hin

L-użu xieraq u restrizzjonijiet marbuta mat-terapija bl-estroġenu għandhom jiġu kkunsidrati qabel ma tinbeda t-terapija b'Intrinsa, u matul l-evalwazzjoni mill-ġdid ta' rutina tat-trattament. It-tkomplija ta' l-użu b'Intrinsa hu rakkomandat biss meta l-użu fl-istess ħin ta' l-estroġenu hu kkunsidrat li hu adattat (i.e. l-inqas doża effettiva għall-inqas tul ta' żmien possibbli).

Pazjenti trattati b'*conjugated equine estrogen* (CEE) mhumiex rakkomandati li jużaw Intrinsa, għax l-effikaċja ma ntwerietx (ara sezzjonijiet 4.4 u 5.1).

Tul tat-trattament

Ir-rispons għat-trattament b'Intrinsa għandu jiġi evalwat fi żmien 3-6 xhur minn meta jibda, biex jiġi stabbilit jekk it-tkomplija tat-terapija hix adattata. Pazjenti li ma jkollhomx benefiċċju sinifikanti, għandhom jiġu evalwati mill-ġdid, u t-twaqqif tat-terapija għandu jiġi kkunsidrat.

Minħabba li l-effikaċja u s-sigurtà ta' Intrinsa ma kienux evalwati fi studji ta' iktar minn sena, hu rakkomandat li ssir evalwazzjoni tat-trattament kull 6 xhur.

Popolazzjonijiet speċjali

Indeboliment tal-kliewi

Ma saru l-ebda studji fuq pazjenti b'insuffiċjenza tal-kliewi.

Indeboliment tal-fwied

Ma saru l-ebda studji f'pazjenti b'indeboliment tal-fwied.

Anzjani

Intrinsa hu rakkomandat għall-użu f'nisa li fihom il-menopawsa kienet ikkaġunata b'mod kirurġiku, sal-età ta' 60 sena. B'mod konsistenti mal-prevalenza ta' HSDD, hemm informazzjoni limitata fuq pazjenti li għandhom iktar minn 60 sena.

Popolazzjoni pedjatrika

M'hemmx użu rilevanti għall-użu ta' Intrinsa fil-popolazzjoni pedjatrika.

Metodu ta' kif għandu jingħata

In-naħa li twaħħal tal-garża għandha tiġi applikata fuq żona tal-ġilda nadifa u xotta fuq in-naħa t'isfel taż-żaqq, taħt il-qadd. Sit partikulari tal-applikazzjoni għandu jinbidel b'intervall ta' mill-inqas 7 ijiem bejn l-applikazzjonijiet. Il-garża m'għandhomx jiġu applikati fuq is-sider jew fuq partijiet oħra tal-ġisem. Żona fuq il-ġilda li ma tantx ikollha tikmix u li ma tkunx miksija b'libies issikkat hi rakkomandata. Il-parti li tintgħażel m'għandhiex tkun żejtnija, b'xi ferita, jew qed tirritak. Biex tevita l-interferenza mal-proprietajiet adegħvi ta' Intrinsa, l-ebda kremi, żiut jew terra m'għandhom jiġu applikati fuq il-ġilda fejn il-garża tkun ser titwaħħal.

Il-garża għandha tiġi applikata immedjatament wara li l-qartas jinfetħ u jitneħħew iż-żewġ partijiet tal-inforra li tipproteġi r-reħi tal-mediċina. Il-garża għandha tingħafas fil-post b'mod sod għal madwar 10 sekondi, u trid taċċerta ruħek li jkun hemm kuntatt tajjeb mal-ġilda, speċjalment madwar it-truf tagħha. Jekk xi żona tal-garża tintrefa', applika pressjoni lil dik iż-żona. Jekk il-garża tinqala' qabel iż-żmien, din tista' terġa' tiġi applikata mill-ġdid. Jekk l-istess garża ma tkunx tista' terġa' tiġi applikata mill-ġdid, garża ġdida għandha tiġi applikata fuq żona oħra. Fiż-żewġ każijiet, il-kors oriġinal tat-trattament għandu jinżamm. Il-garża hi maħsuba b'tali mod li tibqa' fil-post matul doċċa, banju, għawm jew eżerċizzju fiżiku.

4.3 Kontra-indikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal xi sustanzi mhux attivi.

Kanċer tas-sider magħruf, issuspettat jew li għalih hemm storja medika, jew neoplasja magħrufa jew issuspettata, li hi dipendenti fuq l-estroġeni, jew kwalunkwe kundizzjoni oħra li hi konsistenti mal-kontraindikazzjonijiet għall-użu ta' l-estroġeni.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Twissijiet speċjali

Reazzjonijiet androġeniċi

F'intervalli regolari matul it-trattament, it-tobba għandhom jimmonitorjaw il-pazjenti għal reazzjonijiet mhux mixtieqa potenzjali androġeniċi (eż. akne, tibdil fit-tkabbir tax-xagħar jew telf ta' xagħar). Il-pazjenti għandhom jingħataw parir biex jevalwaw lilhom infushom għal effetti mhux mixtieqa androġeniċi. Sinjali ta' virilizzazzjoni, bħal meta l-vuċi ssir ħoxna, ix-xagħar jikber b'mod eċċessiv u f'postijiet mhux tas-soltu jew klitoromegalija, jistgħu jkunu riversibbli, u t-twaqqif tat-trattament għandu jiġi kkunsidrat. Fi studji kliniċi, dawn ir-reazzjonijiet kienu riversibbli fil-maġġoranza tal-pazjenti (ara sezzjoni 4.8).

Sensittività eċċessiva

Eritema severa tal-ġilda, edema lokali u nfafet jistgħu jsejnhu minħabba s-sensittività eċċessiva għall-garża fis-sit ta' applikazzjoni. L-użu tal-garża għandu jitwaqqaf jekk dan iseħħ.

Sigurtà fit-tul, li tinkludi kanċer tas-sider

Is-sigurtà ta' Intrinsa ma kinitx evalwata fi studji *double blind* ikkontrollati bil-plaċebo li damu iktar minn sena. Hemm ftit informazzjoni dwar is-sigurtà fuq tul ta' żmien, li tinkludi effetti fuq it-tessut tas-sider, is-sistema kardjovaskulari u żieda fir-reżistenza għall-insulina. Informazzjoni fil-letteratura dwar l-influenza tat-testosterone fuq ir-riskju ta' kanċer tas-sider fin-nisa hi limitata, mhux konklużiva u konfliġġenti. L-effett fit-tul tat-trattament bit-testosterone fuq is-sider mhuwiex magħruf bħalissa, u għalhekk il-pazjenti għandhom ikunu mmonitorjati b'attenzjoni fir-rigward tal-kanċer tas-sider skond il-prattiċi kurrenti aċċettati ta' l-*iscreening* u l-ħtiġijiet individwali tal-pazjent.

Mard kardjovaskulari

Pazjenti b'mard kardjovaskulari magħruf ma kienux studjati. Pazjenti b'fatturi ta' riskju kardjovaskulari, b'mod partikulari l-pressjoni tad-demem għolja, u pazjenti b'mard kardjovaskulari magħruf, għandhom ikunu mmonitorjati b'attenzjoni, speċifikament għal tibdil fil-pressjoni tad-demem u l-piż.

Pazjenti dijabetiċi

F'pazjenti dijabetiċi, l-effetti metaboliċi tat-testosterone jistgħu jnaqqsu l-*glucose* (zokkor) fid-demem, u b'riżultat ta' dan, il-ħtiġijiet ta' l-insulina. Pazjenti b'dijabete *mellitus* ma kienux studjati.

Effetti endometrijali

Ftit informazzjoni hi disponibbli fuq l-effetti ta' testosterone fuq l-endometriju. L-informazzjoni limitata li tevalwa l-effett ta' testosterone fuq l-endometriju, la tippermetti konklużjonijiet u lanqas assigurazzjonijiet dwar l-inċidenza ta' kanċer endometrijali.

Edema

L-edema (bi jew mingħajr kollass konġestiv tal-qalb) tista' tkun kumplikazzjoni serja kkawżata minn dożi qawwija ta' testosterone jew steroidi anaboliċi oħrajn f'pazjenti li qabel kellhom mard kardijaku, tal-kliewi, jew tal-fwied. Madankollu, dan mhuwiex mistenni minħabba doża baxxa ta' testosterone fornuta mill-garża ta' Intrinsa.

Prekawzjonijiet għall-użu

Intrinsa m'għandux jintuża f'nisa li jkollhom menopawsa naturali.

L-effikaċja u s-sigurtà ta' Intrinsa f'nisa li jkollhom menopawsa naturali, bl-HSDD u qed jużaw l-estroġenu fl-istess ħin, bi jew mingħajr progestogen, ma kienux evalwati. Intrinsa mhux rakkomandat f'nisa li jkollhom menopawsa naturali.

Intrinsa m'għandux jintuża f'nisa li jkun qed jużaw CEE fl-istess ħin

Filwaqt li Intrinsa hu indikat biex jintuża fl-istess ħin ma' terapija bl-estroġenu, is-sotto-grupp ta' pazjenti li kien qd jirċievu *conjugated equine estrogens* (CEE) orali, ma wrewx titjib sinifikanti fil-funzjoni sesswali. Għalhekk, Intrinsa m'għandux jintuża f'nisa li qed jużaw CEE fl-istess ħin (ara sezzjonijiet 4.2 u 5.1).

Livelli tal-ormoni tat-tirojde

L-androġeni jistgħu jnaqqsu l-livelli ta' globulin li teħel ma' *thyroxin*, li jirriżulta f'livelli totali mnaqqsa ta' T4 fis-serum, u f'żieda fit-teħid tar-reżina ta' T3 u T4. Madankollu, il-livelli ta' l-ormon bielsa tat-tirojde jibqgħu mhux mibdula, u m'hemm l-ebda evidenza klinika ta' disfunzjoni tat-tirojde.

4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott

Ma sarux studji dwar l-effett ta' mediċini jew ta' affarijiet oħra fuq l-effett farmaċewtiku tal-prodott. Meta testosterone jingħata fl-istess ħin ma' mediċini li jraquq d-demem, l-effett tal-mediċini li jraquq d-demem jista' jżied. Pazjenti li qed jirċievu mediċini orali li jraquq d-demem, għandhom bżonn ta' monitoraġġ mill-qrib, speċjalment meta t-terapija b'testosterone tinbeda jew titwaqqaf.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

Intrinsa m'għandux jintuża f'nisa li huma tqal jew li jistgħu joħorġu tqal.

Testosterone jista' jikkaġuna effetti *virilising* fuq il-fetu femminili meta jingħata lil mara tqila. Studji f'animali urew effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva (ara 5.3).

F'każ ta' espożizzjoni nvolontarja waqt it-tqala, l-użu ta' Intrinsa jrid jitwaqqaf.

Treddigħ

Intrinsa m'ghandux jintuza waqt it-treddigh.

Fertilità

M'hemm l-ebda dejta dwar l-effett ta' Intrinsa fuq il-fertilità.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Intrinsa m'għandu l-ebda effett fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni. Madankollu, il-pazjenti għandhom jiġu nfurmati li l-emigranja, disturbi fl-attenzjoni u diplopja ġew ir-rappurtati waqt il-kura b'Intrinsa.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil tas-sigurtà

Ir-reazzjoni avversa li kienet l-aktar ir-rappurtata (30.4%) kienet reazzjonijiet fis-sit ta' l-applikazzjoni. Il-maġġoranza ta' dawn ir-reazzjonijiet avversi kienu jikkonsis u f'eritema ħafifa u ħakk, u ma rriżultawx f'li l-pazjenta tieqaf tiegħu din il-mediċina.

Ix-xagħar li jikber b'mod eċċessiv u f'postijiet mhux tas-soltu kien ukoll ir-rappurtat b'mod komuni ħafna. Il-biċċa l-kbira tar-rapporti li kienu jikkonċernaw l-ilħit jew in-naħa ta' fuq tax-xufftejn, kienu ħfief ($\geq 90\%$), u inqas minn 1% tal-pazjenti kollha irtiraw mill-istudji minħabba xagħar li jikber b'mod eċċessiv u f'postijiet mhux tas-soltu. Ix-xagħar li jikber b'mod eċċessiv u f'postijiet mhux tas-soltu kien reversibbli fil-maġġoranza tal-pazjenti.

Reazzjonijiet androġeniċi oħrajn li kienu r-rappurtati b'mod komuni kienu akne, il-vuċi ssir ħoxna u alopeċja. Iktar minn 90% ta' dawn ir-rapporti kienu kkunsidrati li huma ħfief. Dawn ir-reazzjonijiet kienu reversibbli fil-maġġoranza tal-pazjenti. Inqas minn 1% tal-pazjenti irtiraw mill-istudju minħabba xi waħda minn dawn ir-reazzjonijiet. Ir-reazzjonijiet avversi l-oħrajn kollha li kienu komuni, fiequ fil-maġġoranza tal-pazjenti.

Lista tabulata ta' reazzjonijiet avversi

Matul l-espożizzjoni *double blind* għal 6 xhur, ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin seħħew fil-grupp tat-trattament (n=549) f'inċidenza akbar milli fil-grupp tal-plaċebo (n=545) u kienu evalwati mill-investigaturi bħala possibbilment jew probabbilment relatati mat-trattament ta' Intrinsa. Jekk reazzjoni avversa sehhiet fi frekwenza ogħla fl-istudji integrati ta' fażi III (pazjenti fuq Intrinsa n=1,498, pazjenti fuq il-plaċebo n=1,297), din il-frekwenza hi r-rappurtata fit-tabella. Il-frekwenzi huma definiti bħala: komuni ħafna ($\geq 1/10$), komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$), mhux komuni ($\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$), rari ($\geq 1/10,000$ sa $< 1/1,000$), jew rari ħafna ($< 1/10,000$), mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

Sistema tal-klassifika tal-organi fid-database MedDRA	Komuni ħafna	Komuni	Mhux komuni
Infezzjonijiet u infestazzjonijiet			Sinusite
Disturbi tad-demem u tas-sistema limfatika			Fattur anormali tat-tagħqid tad-demem

Sistema tal-klassifika tal-organi fid-database MedDRA	Komuni ħafna	Komuni	Mhux komuni
Disturbi fis-sistema immuni			Sensittività eċċessiva
Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni			Żieda fl-aptit
Disturbi psikjatriċi		Nuqqas ta' rqaq	Aġitazzjoni, ansjetà
Disturbi fis-sistema nervuża		Emigranja	Disturbi fl-attenzjoni, indeboliment fis-sens tat-togħma, indeboliment fis-sens tal-bilanċ, iperestesija, parestesija orali, attakk iskemiku li jgħaddi minn
Disturbi fl-għajnejn			Diplopja, ħmura fl-għajnejn
Disturbi fil-qalb			Palpitazzjonijiet
Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali		Il-vuċi ssir ħoxna	Konġestjoni nażali, dwejjaq fil-gerżuma
Disturbi gastro-intestinali		Ugħigh ta' żaqq	Dijarea, ħalq xott, dardir
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda	Xagħar li jikber b'mod eċċessiv u f'postijiet mhux tas-soltu	Akne, alopeċja	Ekżema, żieda fl-għaraq, rosaċea
Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi			Artrite
Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider		Ugħigh fis-sider	Ċesti fis-sider, nefħa fil-klitoris, tkabbir tal-klitoris, ħakk ġenitali, sensazzjoni ta' ħruq fil-vaġina
Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata	Reazzjoni fis-sit ta' l-applikazzjoni (eritema, ħakk)		Anasarka, astenja, dwejjaq fis-sider, skonfort fis-sider
Investigazzjonijiet		Żieda fil-piż	Fibrinogen anormali fid-demem, żieda fir-rata ta' taħbit tal-qalb, żieda f'alanine aminotransferase, żieda f'aspartate aminotransferase, żieda fil-bilirubina fid-demem, test anormali tal-funzjoni tal-fwied, żieda fit-triglycerides fid-demem

4.9 Doża eċċessiva

Il-metodu ta' kif jingħata Intrinsa jagħmel doża eċċessiva mhux probabbli. It-tneħħija tal-garża tirriżulta fi tnaqqis mgħaġġel tal-livelli tat-testosterone fis-serum (ara sezzjoni 5.2).

5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Kategorija farmakoterapewtika: Ormoni tas-sess u modulatori tas-sistema ġenitali, adroġeni, Kodiċi ATC: G03BA03

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Testosterone, l-androġenu primarju li jiċċirkola fin-nisa, hu steroid li jifforma b'mod naturali, imnixxi mill-ovarji u mill-glandoli adrenal. F'nisa qabel ma jkollhom il-menopawsa, ir-rata ta' produzzjoni ta' testosterone hi ta' 100 sa 400 mikrogramma/24 siegħa, li minnhom, in-nofs jiġi kkontribwit mill-ovarji bħala jew testosterone jew prekursor. Il-livelli ta' l-androġeni fis-serum jaqgħu hekk kif in-nisa jixjieħu. F'nisa li kellhom ooforektomija bilaterali, il-livelli fis-serum ta' testosterone jonqsu b'madwar 50% fi ftit jiem wara l-operazzjoni.

Intrinsa hu terapija transdermali għal HSDD, li ttejjeb ix-xewqa sesswali filwaqt li tilħaq konċentrazzjonijiet tat-testosterone li huma kompatibbli ma' livelli ta' qabel il-menopawsa.

Effikaċja klinika u sigurtà

Żewġ studji multi-ċentriċi, *double-blind*, ikkontrollati bil-plaċebo, li damu sif xhur, f'562 (INTIMATE SM1) u 533 (INTIMATE SM2) nisa li kellhom ooforektomija u isterektomija (menopawsa ikkaġunata b'mod kirurġiku), li kellhom minn 20 sa 70 sena, bi-HSDD u bl-użu fl-istess ħin ta' l-estroġenu, intużaw biex tiġi evalwata l-effikaċja u s-sigurtà ta' Intrinsa. Attività sesswali totali li tissodisfa (riżultat aħħari primarju), xewqa sesswali, u problemi marbuta ma' xewqa sesswali baxxa (riżultati aħħari sekondarju) kienu evalwati bi strumenti vverifikati.

Fl-analiżi ta' l-istudju kombinat wara 24 ġimgħa, id-differenza fil-medja tal-frekwenza ta' episodji totali li jissodisfa bejn Intrinsa u l-plaċebo kienet ta' 1.07 kull 4 ġimgħat.

Perċentwali ogħla b'mod sinifikanti ta' nisa li rċievew Intrinsa rrapportaw benefiċċju fil-tliet riżultati aħħarin, li huma kkunsidraw li kien klinikament sinifikanti meta mqabbel ma' nisa li rċievew il-plaċebo. Fl-informazzjoni kombinata ta' fażi III, li jeskludi l-pazjenti li kienu qed jieħdu CEE orali, li fihom ma kien hemm l-ebda titjib sinifikanti fil-funzjoni sesswali, 50.7% tan-nisa (n=274) trattati b'Intrinsa u 29.4% ta' dawġ trattati bil-plaċebo (n=269) irrispondew rigward l-attività sesswali li tissodisfa (riżultat aħħari primarju), meta min irrisponda kien definit minn qabel bħala li kellha żieda fuq medda ta' 4-ġimgħat fil-frekwenza ta' attivitajiet li jissodisfaw ta' > 1.

L-effetti ta' Intrinsa kienu osservati wara 4 ġimgħat mill-bidu tat-terapija (l-ewwel punt fiż-żmien li fih sar il-kejl) u wara dan, l-effikaċja fil-punti kollha taż-żmien ta' kull xahar.

L-effikaċja kontra l-plaċebo kienet sinifikanti fuq medda ta' sotto-gruppi li kienu jinkludu pazjenti separati skond il-karatteristiċi tal-linja bażi li ġejjin: età (is-sotto-gruppi kollha sa l-età ta' 65 sena); piż tal-ġisem (sa 80 kg) u ooforektomija (sa 15-il sena ilu).

L-analiżi tas-sotto-gruppi ssuġġerew li r-rotta u t-tip ta' użu fl-istess ħin ta' l-estroġenu (oestradiol transdermali, *conjugated equine estrogen* (CEE) orali, u non-CEE orali) jistgħu jinfluwenzaw irrispons tal-pazjent. Analiżi ta' dawġ li rrispondew fil-fażi importanti ħafna II u III ta' l-istudju, uriet titjib sinifikanti fit-tliet riżultati aħħarin kliniċi maġġuri kontra l-plaċebo f'pazjenti li kienu qed jużaw l-estroġeni non-CEE orali u transdermali fl-istess ħin. Madankollu, is-sotto-grupp tal-pazjenti li kienu qed jirċievu CEE orali, ma weriex titjib sinifikanti fl-attività sesswali meta mqabbel mal-plaċebo (ara sezzjonijiet 4.2 u 4.4).

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Testosterone minn Intrinsa, jiġi ttrasportat minn ġol-ġilda intatta permezz ta' proċess passiv tad-diffużjoni, li huwa primarjament ikkontrollat mix-xterid minn naħa għal oħra ta' l-*istratum corneum*.

Intrinsa hu maħsub biex iforni b'mod sistemiku, 300 mikrogramma kuljum. Wara l-applikazzjoni tal-garża fuq il-ġilda taż-żaqq, il-konċentrazzjonijiet massimi ta' testosterone fis-serum jintlaħqu fi żmien 24-36 siegħa, b'varjabilità wiesgħa bejn l-individwi. Il-konċentrazzjonijiet fis-serum ta' testosterone jilħqu l-istat fiss sa l-applikazzjoni tat-tieni garża meta applikata f'kors ta' darbtejn fil-ġimgħa. Intrinsa ma nfluwenzax il-konċentrazzjonijiet fis-serum tas-sex hormone binding globulin (SHBG), estroġeni jew ormoni adrenalni.

Il-konċentrazzjonijiet fis-serum tat-testosterone u SHBG f'pazjenti li kienu qed jirċievu Intrinsa fi studji kliniċi dwar is-sigurtà u l-effikaċja						
Ormon	Linja bażi		Ġimgħa 24		Ġimgħa 52	
	N	Medja (SEM)	N	Medja (SEM)	N	Medja (SEM)
Testosterone libera (pg/ml)	544	0.92 (0.03)	412	4.36 (0.16)	287	4.44 (0.31)
Testosterone totali (ng/dl)	547	17.6 (0.4)	413	79.7 (2.7)	288	74.8 (3.6)
DHT (ng/dl)	271	7.65 (0.34)	143	20.98 (0.98)	169	21.04 (0.97)
SHBG (nmol/l)	547	91.7 (2.5)	415	93.9 (2.8)	290	90.0 (3.6)
DHT = dihydrotestosterone, SHBG = sex hormone binding globulin SEM = Standard Error of the Mean						

Distribuzzjoni

Fin-nisa, it-testosterone li jiċċirkola jeħel primarjament fis-serum ma' SHBG (65-80%) u ma' l-albumina (20-30%), u jħalli biss madwar 0.5-2% bħala l-porzjon ħieles. L-affinità tat-twaħħil ma' l-SHBG fis-serum hi relattivament għolja, u l-porzjon li jeħel ma' SHBG hu meqjus bħala li ma jikkontribwixxix għall-attività bijoloġika. It-twaħħil ma' l-albumina hu ta' affinità relattivament baxxa u hu reversibbli. Il-porzjon li jeħel ma' l-albumina u l-porzjon mhux imwaħħal huma msejja b'mod kollettiv bħala testosterone 'bijodisponibbli'. L-ammont ta' SHBG u albumina fis-serum u l-konċentrazzjoni totali ta' testosterone, tiddetermina d-distribuzzjoni ta' testosterone ħieles u dak bijodisponibbli. Il-konċentrazzjoni fis-serum ta' SHBG hi influwenzata mir-rotta ta' l-għoti tat-terapija ta' l-estroġenu li jingħata fl-istess ħin.

Bijotrasformazzjoni

Testosterone hu metabolat primarjament fil-fwied. Testosterone hu metabolat għal diversi 17-ketosteroids u metaboliżmu addizzjonali jirriżulta fi glucuronides inattivi u konjugati oħrajn. Il-metaboliti attivi ta' testosterone huma estradiol u dihydrotestosterone (DHT). DHT għandu affinità akbar għal SHBG milli għandu t-testosterone. Il-konċentrazzjonijiet tad-DHT żdiedu b'mod parallel mal-konċentrazzjonijiet ta' testosterone matul it-trattament b'Intrinsa. Ma kien hemm l-ebda differenzi sinifikanti fl-estradiol tas-serum u fil-livelli ta' estrone f'pazjenti trattati b'Intrinsa sa 52 ġimgħa meta mqabbla mal-linja bażi.

Meta l-garża Intrinsa titneħħa, il-konċentrazzjonijiet tat-testosterone fis-serum jergħu lura għal qrib il-valuri tal-linja bażi fi żmien 12-il siegħa, minħabba l-half-life esponenzjali terminali qasira tiegħu (madwar sa għtejn). Ma kien hemm l-ebda evidenza ta' akkumulazzjoni ta' testosterone fuq perjodu ta' 52 ġimgħa ta' trattament.

Eliminazzjoni

Testosterone jitneħħa primarjament fl-awrina bħala konjugati tal-glucuronic u sulphuric acid tat-testosterone u l-metaboliti tiegħu.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina

Studji tossikoloġiċi dwar testosterone żvelaw biss effetti li jistgħu jiġu spjegati bbażati fuq il-profil ta' l-ormoni.

Testosterone nstab li kien mhux ġenotossiku. Studji mhux kliniċi dwar relazzjoni bejn it-trattament bit-testosterone u l-kanċer tissuġġerixxi li dożi qawwija jistgħu jgħinu l-iżvilupp ta' tumuri f'organi

sesswali, glandoli mammarji u fil-fwied f'annimali tal-laboratorju. Is-sinifikat ta' din l-informazzjoni għall-użu ta' Intrinsa fil-pazjenti mhuwiex magħruf.

Testosterone għandu effett li jimmaskilizza fuq feti femminili tal-firien meta ngħataw id-doża taħt il-ġilda b'0.5 jew 1 mg kuljum (bħala l-propionate ester) lil firien tqal matul l-organoġenesi.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi

Saff ta' wara

Rinforz fid-dahar transluċidu tal-polyethylene

Linka tal-istampar

sunset yellow FCF (E110)

latolrubine BK (E180)

copper phthalocyanine blue pigment.

Saff tal-mediċina self adhesive matrix

Sorbitan oleate

Sustanza li twaħħal ta' l-acrylic co-polymer li fiha 2-Ethylhexylacrylate – 1-Vinyl-2-pyrrolidone co-polymer.

Inforra li tipproteġi r-reħi tal-mediċina

Rita tal-polyester, siliconised

6.2 Inkompabilitajiet

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

3 snin

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30°C.

Tagħmlux fil-friġġ jew friża.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Kull garża hi ppakkjata f'qartas issiġillat u laminat. Il-materjal tal-qartas jinkludi karta tal-grad ta' l-ikel/LDPE/fojl ta' l-aluminju/ethylene methacrylic acid copolymer (saff ta' barra sa ġewwa). Ethylene methacrylic acid copolymer (Surlyn) hu saff issiġillat bis-sħana li jippermetti ż-żewġ *stocks* laminati tal-qartas li jkunu ssiġillati flimkien bis-sħana biex jiffurmaw il-qartas.

Kaxxi tal-kartun ta' 2, 8 u 24 garżi.

Lista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

Il-garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda m'għandhiex tiġi fflaxxjata fit-toilet.

Il-garża għandha tintewa min-nofs, titwaxxhal magħha stess, u tintrema b'mod sigur biex tinżamm 'il bogħod mit-tfal (eż. f'kontenitur tal-iskart).

Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

7. ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Warner Chilcott UK Limited
Old Belfast Road
Millbrook, Larne
County Antrim
BT40 2SH
Ir-Renju Unit

8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/06/352/001-003

9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TA' L-AWTORIZZAZZJONI

Data ta' l-ewwel awtorizzazzjoni: 28 ta' Lulju, 2006
Data ta' l-aħħar tiġdid: 28 ta' Lulju, 2011

10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

ANNESS II

- A. DETENTUR(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA
RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KUNDIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-
SUQ**

A. DETENTUR(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Warner Chilcott Deutschland GmbH
Dr.-Otto-Röhm-Strasse 2-4
64331 Weiterstadt
Il-Ġermanja

Warner Chilcott France
Parc d'activité de la Grande Brèche
5 rue Désir Prévost
91070 Bondoufle
Franza

Fuq il-fuljett ta' tagħrif tal-prodott mediċinali għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott konċernat.

B. KUNDIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FUQ IL FORNIMENT U L-UŻU IMPOSTI FUQ ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Prodott mediċinali jingħata bir-riċetta tat-tabib.

- **KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TA' L-UŻU MINGĦAJR PERIKLU U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

- **KUNDIZZJONIJIET OHPA**

Sistema ta' Farmakoviġilanza

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jiżgura li s-sistema ta' farmakoviġilanza, inkluża f' Modulu 1.5.1 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tkun fis-seħħ u tiffunzjona qabel u waqt li l-prodott ikun fuq is-suq. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jkompli jissottometti Rapporti Perjodiċi ta' Aġġornament dwar Sigurtà (PSURs) kull 6 xhur ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Uman ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini (CHMP).

Sistema ta' l-immaniġġar tar-riskju

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jimpenja ruħu li jwettaq l-istudji u l-attivitajiet addizzjonali ta' farmakoviġilanza kif inhu deskritt fil-Pjan ta' Farmakoviġilanza, bid-data ta' 19 ta' Settembru, 2010, inkluż f' Modulu 1.8.2 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u aġġornamenti sussegwenti tas-Sistema ta' l-Immaniġġar tar-Riskju kif deċiż mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Uman ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini (CHMP).

Kif imsemmi fil-linji gwida tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Uman fuq is-Sistemi ta' l-Immaniġġar tar-Riskju, kull aġġornament fis-Sistema ta' l-Immaniġġar tar-Riskju jrid jiġi ppreżentat mar-Rapport Perjodiku ta' Aġġornament dwar Sigurtà (PSUR) li jmiss.

Barra minn hekk kull aġġornament fis-Sistema ta' l-Immaniġġar tar-Riskju jrid jiġi ppreżentat:

- Meta tasal informazzjoni ġdida li jista' jkollha impatt fuq l-Ispesifikazzjonijiet tas-Sigurta', fuq is-Sistema ta' Farmakoviġilanza jew fuq l-attivitajiet ta' minimizzazzjoni tar-riskju;
- Fiż-żmien 60 jum ta' meta għandu jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskju);
- Meta l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini titlob din l-informazzjoni.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

ANNEX III

TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA (Kaxxa ta' 2, 8 jew 24 garżi)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Intrinsa 300 mikrogramma/24 siegħa garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
Testosterone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA

Garza waħda ta' 28 cm² fiha 8.4 mg ta' testosterone u tipprovdi 300 mikrogramma ta' testosterone kull 24 siegħa.

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Fiha ukoll: Sorbitan oleate, 2-Ethylhexylacrylate – 1-Vinyl-2-pyrrolidone copolymer, E110, E180, copper phthalocyanine blue pigment, polyethylene, siliconised polyester film.

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

2 garżi li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
8 garżi li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
24 garżi li jipprovdu mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Applika immedjatament hekk kif tneħħi mill-qartas.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif uabel i-użu.

Użu minn fuq il-ġilda

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomni fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

JIS

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30°C.
Tagħmlux fil-friġġ jew friża.

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN.

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Warner Chilcott UK Limited
Old Belfast Road
Millbrook, Larne
County Antrim
BT40 2SH
Ir-Renju Unit

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/06/352/001-003

13. NUMRU TAL-LOTT

Lot

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Prodott mediċinali jingħata bir-riċetta tat-tabib.

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Intrinsa

Itwi l-ġewnaħ tal-pakkett (*flap*) hawnhekk biex tagħlaq.

Informazzjoni biex tidher fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ġewnaħ tal-pakkett

Meta għandek tapplika l-garża:

Għandek tibdel l-garża darbtejn fil-ġimgħa. Agħżel il-jumejn li tippreferi u mmarka l-kaxxa. Ibdel l-garża biss f'dawn il-jumejn.

- ☐ Il-Ħadd + l-Erbgħa
- ☐ It-Tnejn + il-Hamis
- ☐ It-Tlieta + il-Ġimgħa
- ☐ L-Erbgħa + is-Sibt
- ☐ Il-Ħamis + il-Ħadd
- ☐ Il-Ġimgħa + it-Tnejn
- ☐ Is-Sibt + it-Tlieta

Kompli uża l-medicina sakemm it-tabib jibqa' jaghtik riċetta għaliha.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN

QARTAS

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

Intrinsa 300 mikrogramma/24 siegħa garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda
Testosterone
Użu minn fuq il-ġilda

2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

3. DATA META JISKADI

JIS

4. NUMRU TAL-LOTT

Lot

5. IL-KONTENUT SKOND IL-PIŻ, VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

1 garża li tipprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda

Garża waħda ta' 28 cm² fiha 8.4 mg ta' testosterone u tipprovdi 300 mikrogramma ta' testosterone kull 24 siegħa.

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

Intrinsa 300 mikrogramma/24 siegħa garża li ttiprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda Testosterone

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhum Intrinsa u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tuża Intrinsa
3. Kif għandek tuża Intrinsa
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Intrinsa
6. Aktar tagħrif

1. X'INHUM INTRINSA U GĦALXIEX JINTUŻA

Intrinsa hi garża li ttiprovdi mediċina li tgħaddi minn ġol-ġilda li l-ħin kollu terħi ammonti żgħir ta' testosterone li jiġi assorbit minn ġol-ġilda tiegħek fiċ-ċirkolazzjoni tad-demm. It-testosterone f'Intrinsa hu l-istess ormon bħal dak li hu prodott b'mod naturali mill-irġiel u fin-nisa.

Wara li l-ovarji jitneħħew, il-livell tat-testosterone jaqta' bin-nofs meta mqabbel mal-livelli ta' qabel l-operazzjoni. In-tnaqqis fit-testosterone kien assoċjat ma' xewqa sesswali baxxa, nuqqas ta' ħsibijiet sesswali u eċċitament sesswali mnaqqas. Xi wħud, jew dawn il-problemi kollha, jistgħu jikkawżaw inkwiet personali jew diffikultajiet fir-relazzjoni. L-isem mediku għal din il-kundizzjoni hu *Hypoactive Sexual Desire Disorder*, magħrufa wkoll bħala HSDD.

Intrinsa jintuża għat-trattament ta' HSDD.

Intrinsa hu intenzjonat biex jintuża minn nisa li għandhom sa 60 sena, li:

- jkollhom xewqa sesswali baxxa li tkun qed tikkawża inkwiet jew problemi, u
- li kellhom l-ovarji t-tnejn imneħħija, u
- li kellhom l-utru imneħħi (isterektomija), u
- li qed jirċievu terapija bl-estroġenu.

Tista' ddum iktar minn xahar qabel ma tinnota xi titjib. Jekk ma jkollokx effett pożittiv b'Intrinsa fi żmien 3-6 xhur, għandek tinforma lit-tabib tiegħek, li ser jissuġġerixxi li t-trattament għandu jitwaqqaf.

2. QABEL MA TUŻA INTRINSA

Tużax Intrinsa

- jekk inti allerġiku/a (tbatu minn sensittività eċċessiva) għat-testosterone jew sustanzi oħra ta' Intrinsa (ara s-sezzjoni 'Aktar tagħrif' fl-aħħar ta' dan il-fuljett).
- jekk taf li kellek fil-passat, jekk għandek, jew jekk taħseb li jista' jkollok, kanċer tas-sider jew kwalunkwe kanċer ieħor li t-tabib tiegħek iddeskriva li kien ikkawżat jew stimulat mill-ormon femminili, l-estroġenu, imsejħin ukoll kanċers 'dipendenti fuq l-estroġenu'.
- jekk inti għandek kundizzjonijiet oħrajn li t-tabib tiegħek jista' jikkunsidra li m'humiex adattati għall-użu ta' l-estroġenu u/jew tat-testosterone.

Oqgħod attenta ħafna b'Intrinsa

- jekk int għandek storja medika ta' mard tal-qalb, tal-fwied jew tal-kliewi. L-edema tista' tkun kumplikazzjoni serja kkawżata minn doża qawwija ta' testosterone, madankollu, din mhijiex mistennija minn doża baxxa ta' testosterone fornuta mill-garża ta' Intrinsa.
- jekk int għandek kanċer tal-kisja tal-utru (kanċer endometrijali), għandek tkun taf li f'tit hemm informazzjoni disponibbli dwar l-effetti ta' testosterone fuq il-kisja tal-utru (endometriju).
- jekk int dijabetika, għax it-testosterone jista' jibaxxi l-livelli tal-*glucose* fid-demm.
- jekk int għandek storja medika ta' akne eċċessiva li sseħħ fl-adulti, xagħar fuq il-ġisem jew fil-wieċ, telf ta' xagħar, tkabbir tal-klitoris jew il-vuċi ssir ħoxna jew tinħanaq.

Jekk għandek kwalunkwe minn dawn t'hawn fuq, għid it-tabib tiegħek qabel ma tibda tuża Intrinsa. Il-tabib tiegħek ser jagħtik parir dwar x'għandek tagħmel.

L-effikaċja ta' Intrinsa titnaqqas jekk it-terapija tiegħek bl-estroġenu tkun ta' ċertu tip ('conjugated equine estrogens'). Għalhekk, jeħtieġ li tiddiskuti t-tip ta' estroġenu tiegħek mat-tabib tiegħek, li jista' jagħtik parir dwar liema tip ta' estroġenu hu adattat għalik flimkien ma' Intrinsa.

Jekk twaqqaf it-terapija bl-estroġenu, għandek tieqaf tuża Intrinsa wkoll. Ftakar li l-estroġeni għandhom jingħataw għall-inqas tul ta' żmien possibbli.

Użu Intrinsa biss sakemm ikollok effett pożittiv tat-trattament. M'hemm l-ebda informazzjoni dwar is-sigurtà ta' Intrinsa wara iktar minn 12-il xahar.

Hemm informazzjoni limitata dwar l-użu f'nisa li għandhom iktar minn 60 sena. Intrinsa hu intenzjonat għall-użu minn nisa li għandhom sa 60 sena li kellihom iż-żewġ ovarji u l-utru tagħhom imneħħija.

Mhux magħruf jekk Intrinsa jżidx ir-riskju ta' kanċer tas-sider u kanċer tal-endometriju. It-tabib tiegħek ser jimmonitorja b'attenzjoni fir-rigward tal-kanċer tas-sider u kanċer tal-endometriju.

Tfal u adoloxxenti

Intrinsa mhuwiex għall-użu fit-tfal u fl-adoloxxenti.

Meta tuża mediċini oħra

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lili-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki daww mingħajr riċetta.

Għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu kura b'mediċini li jraqqu d-demm (antikoagulanti).

Tqala u treditgħ

Itlob il-parir tat-tabib jew ta' l-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

Intrinsa hu indikat biss għal nisa li jkollhom il-menopawża wara li l-ovarji u l-utru jkunu tneħħew.

Tużax Intrinsa jekk inti tqila, jew tissuspetta li tista' tkun tqila jew jekk tista' toħroġ tqila, minħabba li dan jista' jikkawża ħsara lit-tarbija mhix imwiela.

Tużax intrinsa f'każ jekk qed tredda, minħabba li dan jista' jikkawża ħsara lit-tarbija.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Inti tista' ssuq u tuża l-magni waqt li tkun qed tuża Intrinsa.


3. KIF GĦANDEK TUŻA INTRINSA

Dejjem għandek tuża Intrinsa skond il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew ma' l-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju dwar l-istruzzjonijiet, jew jekk trid iktar informazzjoni. Id-doża li ssoltu tingħata hija ta' garża waħda darbtejn fil-ġimgħa (kull 3 sa 4 ijiem), ara hawn taħt 'Kif u meta għandek tibdel il-garża tiegħek'. Is-sustanza attiva tintreħa mill-garża l-ħin kollu fuq

perjodu ta' 3 sa 4 ijiem (li tikkorrisponi għal 300 mikrogramma kull 24 siegħa) u tiġi assorbita minn ġol-ġilda tiegħek.

Fejn twaħħal il-garża

- Waħħal il-garża fuq **in-naħa t'isfel taż-żaqq**, taħt qaddek. **Twaħħalx** il-garża fuq is-sider jew fuq il-warrani.



Aċċerta ruħek li l-ġilda tiegħek fis-sit ta' l-applikazzjoni hi:

- ✓ nadifa u xotta (ħielsa minn żjut, *moisturisers*, u terra)
 - ✓ lixxa kemm jista' jkun (l-ebda tikmix kbir jew saffi kbar ta' ġilda fuq xulxin)
 - ✓ mhijiex maqsuma jew irritata (ħielsa minn raxx jew problemi oħrajn tal-ġilda)
 - ✓ ma tkunx mistennija li l-ilbies iħokk magħha b'mod eċċessiv
 - ✓ preferibbilment tkun bla xagħar.
- Meta tibdel il-garża tiegħek, waħħal il-garża l-ġdida fuq **żona differenti** tal-ġilda **ta' żaqqek**, għax inkella jkun hemm iktar ċans li tikkawża irritazzjoni tal-ġilda.
 - Għandha titwaħħal garża **waħda** biss f'ħin wieħed.
 - Jekk qed tuża garżi ta' l-estroġenu wkoll, aċċerta ruħek li l-garża ta' Intrinsa u l-garża ta' l-estroġenu ma jkunux fuq xulxin.
 - Għal mill-inqas ġimgħa li tneħħi l-garża, terġax twaħħal oħra ġdida fl-istess żona.

Kif twaħħal il-garża

Pass 1 Iftaħ il-qartas. Tużax imqass għax tista' tagħmel il-ħsara lill-garża aċċidentalment. Neħħi l-garża. Waħħal il-garża immedjatament wara li tneħħiha mill-qartas.



Pass 2 Waqt li tkun qed iżżomm l-garża, neħħi nofs l-inforra protettiva li tkun tiksi l-parti li twaħħal tal-garża. Evita li tmiss in-naħa li teħel tal-garża b'subgħajk.



Pass 3 Waħħal in-naħa li teħel tal-garża fuq iż-żona magħżula fuq il-ġilda tiegħek. Agħfas b'mod sod in-naħa li teħel tal-garża fil-post għal madwar 10 sekondi.



Pass 4 Itwi lura l-garża u neħħi b'attenzjoni n-nofs l-ieħor ta' l-inforra. Agħfas l-garża kollha fuq il-ġilda tiegħek bil-keffa ta' idejk għal madwar 10 sekondi. Uża s-swaba' tiegħek biex taċċerta ruħek li t-truf tal-garża jeħlu mal-ġilda. Jekk xi żona tal-garża tintrefa', applika pressjoni lil dik iż-żona.



Kif u meta għandek tibdel il-garża tiegħek

- Ser ikollok tibdel l-garża tiegħek kull 3 sa 4 ijiem, li jfisser li trid tuża **żewġ garżi kull ġimgħa**. Dan ifisser li inti ser ikollok garża waħda għal 3 ijiem u l-oħra għal 4 ijiem. Iddeċiedi liema jumejn kull ġimgħa ser tibdel il-garża tiegħek, u ibdel il-garża f'dawk il-jumejn kull ġimgħa.

Per eżempju: Jekk tiddeċiedi li tibda t-trattament nhar ta' Tnejn, allura għandek tibdel il-garża tiegħek dejjem nhar ta' Ħamis u nhar ta' Tnejn.

- ☐ Il-Ħadd + l-Erbgħa
- ☒ It-Tnejn + il-Ħamis
- ☐ It-Tlieta + il-Ġimgha
- ☐ L-Erbgħa + is-Sibt
- ☐ Il-Ħamis + il-Ħadd
- ☐ Il-Ġimgha + it-Tnejn
- ☐ Is-Sibt + it-Tlieta

Biex tiftakar, immarka fuq il-kaxxa tal-kartun il-jiem li tkun għażilt meta ser tibdel il-garża tiegħek.

- Fil-jum meta tkun ser tibdel il-garża tiegħek, neħħi il-garża l-qadima u waħħal il-garża l-ġdida immedjatement fuq **żona differenti** tal-ġilda ta' **żaqqek**. Kompli t-trattament tiegħek sakemm igħidlek it-tabib.
- Itwi l-garża l-qadima min-nofs, waħħal il-garża magħha stess, u armiha b'mod sigur biex iżżommha 'il bogħod mit-tfal (eż. f'kontenitur ta' l-iskart). Il-mediċini m'għandhomx jintremew ma' l-ilma tad-dranaġġ (tifflaxxjahomx fit-tojlit). Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni ta' l-ambjent.

X'għandi nagħmel meta nieħu doċċa, banju jew nagħmel eżerċizzju fiżiku?

Tista' tieħu doċċa, banju jew tagħmel eżerċizzju fiżiku bħas-soltu meta jkollok il-garża mwaħħla. Il-garża hi maħsuba biex tibqa' f'potha matul dawn l-attivitàjiet. Madankollu, toghroxx ħafna ż-żona fejn tkun waħħalt il-garża.

Nista' mmur nixxemmex?

Iva, iżda dejjem aċċerta ruħek li l-garża tiegħek tkun mghottiha bl-ilbies.

X'jiġri jekk il-garża tiegħek tibda tinqala', it-truf jinqalgħu jew tinqala' għal kollox?

Jekk garża tibda tinqala', tista' terġa' twaħħalha mill-ġdid billi tagħfas fuqha b'mod sod. Jekk ma jirnexxilekx twaħħal il-garża, neħħiha u waħħal garża ġdida. Imbagħad kompli bl-iskeda regolari

tiegħek tal-jiem li fihom tibdel il-garża, anki jekk dan ifisser li tarmi garża wara li tkun ilha fuqek għal inqas minn 3-4 ijiem.

Jekk tuża iktar garżi milli suppost

Jekk tkun wāhhalt iktar minn garża waħda fl-istess ħin

Neħħi **l-garżi kollha** li jkollok imwāhhlin fuq il-ġilda tiegħek u kellem lit-tabib jew l-ispiżjar tiegħek għal informazzjoni addizzjonali dwar kif tkompli t-trattament b'Intrinsa. Mhux mistenni li jkun hemm doża eċċessiva b'Intrinsa meta jintuża skond l-istruzzjonijiet, minħabba li, għadarba l-garża tinqala' t-testosterone jitneħħa malajr mill-ġisem.

Jekk tinsa tuża garża

Jekk tinsa tibdel il-garża tiegħek

Ibdel il-garża tiegħek hekk kif tiftakar, u mbagħad kompli bl-iskeda regolari tiegħek tal-jiem li fihom tibdel il-garża, anki jekk dan ifisser li tarmi garża wara li tkun ilha fuqek għal inqas minn 3-4 ijiem. Li terġa' lura għall-iskeda regolari tiegħek ser jgħinek tiftakar meta għandek tibdel il-garża tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, Intrinsa jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd.

Għid lit-tabib tiegħek **immedjatement**:

- jekk ikollok telf ta' xagħar (effett sekondarju komuni li jista' jaffettwa sa 1 minn kull 10 persuni), tkabbir tal-klitoris (effett sekondarju komuni li jista' jaffettwa sa 1 minn kull 100 persuna), żieda fl-ammont ta' xagħar fuq l-ilħit jew fin-naħa ta' fuq tax-xufftejn (effett sekondarju komuni ħafna li jista' jaffettwa iktar minn 1 minn kull 10 persuni), il-vuċi ssir ħoxna jew tinħanaq (effett sekondarju komuni), għalkemm dawn l-effetti sekondarji jistgħu jkunu ħfief. Dawn is-sintomi normalment huma reversibbli jekk it-trattament b'Intrinsa jitwaqqaf.

Għandek tagħmel evalwazzjoni tiegħek innifsek għal żieda fl-akne (effett sekondarju komuni), żieda fit-tkabbir tax-xagħar f'wieċek, telf ta' xagħar, il-vuċi tiegħek issir ħoxna jew ikollok tkabbir fil-klitoris, li kollha jistgħu jkunu sinjali ta' effetti sekondarji tat-testosterone, li hi s-sustanza attiva f'Intrinsa.

- jekk tinnota kwalunkwe reazzjonijiet tal-ġilda fis-sit ta' applikazzjoni (effett sekondarju komuni ħafna) bħal ħmura, edema, jew infafet. F'każ ta' reazzjoni severa fis-sit ta' l-applikazzjoni, it-trattament għandu jitwaqqaf.

Effetti sekondarji komuni oħrajn

Ħafna minnhom huma ħfief u reversibbli.

- emigranja
- naqqas ta' rqad/ma tkunx tista' torqod kif suppost
- uġiġħ fis-sider
- żieda fil-piż
- uġiġħ fl-istonku

Effetti sekondarji mhux komuni oħrajn

Ħafna minnhom huma ħfief u reversibbli.

- sinusite (infjammazzjoni tas-sinus nażali)
- fattur mhux normali tat-tagħqid tad-demem
- sensitività eċċessiva (reazzjonijiet allerġiċi)
- żieda fl-aptit
- aġitazzjoni
- ansjetà
- disturbi fl-attenzjoni

- indeboliment fis-sens tat-togħma (sensazzjoni ta' togħma mibdula)
- problemi fil-bilanċ
- iperestesija (żieda mhux normali fis-sensittività għall-istimuli tas-sensi)
- parestesija orali (sensazzjoni ta' tneħħim jew tmewwit fil-ħalq)
- attakk iskemiku temporanju (mini-puplesija)
- diplopja (tara doppju)
- ħmura fl-għajnejn
- palpitazzjonijiet (taħbit mgħaġġel u irregolari tal-qalb)
- konġestjoni nażali
- tagħfis fil-gerżuma
- dijarea
- ħalq xott
- dardir
- ekżema
- żieda fl-għaraq
- rosaċea (ħmura tal-wiċċ)
- artrite
- ċista fis-sider
- tkabbir tal-klitoris
- ħakk ġenitali (tħoss il-ħakk fil-partijiet ġenitali)
- sensazzjoni ta' ħruq fil-vaġina
- anasarka (nefħa mifruxa tal-ġilda)
- astenja (nuqqas ta' enerġija u saħħa)
- tagħfis fis-sider
- skonfort fis-sider
- fibrinoġen mhux normali fid-demmm (tagħqid mhux normali tad-demmm)
- żieda fir-rata ta' taħbit tal-qalb
- żieda fil-livell ta' alanine aminotransferase, żieda fil-livell ta' aspartate aminotransferase, żieda fil-livell ta' bilirubina fid-demmm, test tal-funzjoni tal-fwied b'riżultat mux normali, żieda fit-triglycerides fid-demmm (kollha kejl tal-funzjoni tal-fwied).

Jekk xi wiehied mill-effetti sekondarji jggarra jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumieħ imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib tiegħek.

5. KIF TAĦŻEN INTRINSA

- Żommu fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
- Tużax Intrinsa wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-kartuna u l-qartas wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għal l-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
- Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30°C.
- Tagħmlux fil-friġġ jew friża.
- Il-mediċini m'għandhomx jintremew ma' l-ilma tad-dranaġġ (tifflassjahomx fit-toilet) jew ma' l-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għal protezzjoni ta' l-ambjent.

6. AKTAR TAGĦRIF

X'fih Intrinsa

Is-sustanza attiva hi testosterone. Kull garża fiha 8.4 mg ta' testosterone, li terħi 300 mikrogramma ta' testosterone fuq perjodu ta' 24 siegħa.

Is-sustanzi l-oħra huma: Sorbitan oleate, 2-Ethylhexylacrylate – 1-Vinyl-2-pyrrolidone co-polymer.

Saff ta' wara

Rinforz fid-dahar transluċidu tal-polyethylene, stampat b'linka li fiha sunset yellow FCF (E110), latolrubine BK (E180) u copper phthalocyanine blue pigment.

Inforra protettiva li tipproteġi r-reħi tal-mediċina

Rita tal-polyester, siliconised.

Id-Dehra ta' Intrinsa u l-kontenuti tal-pakkett

Intrinsa hi garża rqiqqa, ċara u ovali bil-kliem T001 stampat fuq in-naħa ta' wara.

Kull garża hi ssiġillata individwalment f'qartas.

Id-daqsijiet tal-pakkett li għejjin huma disponibbli: 2, 8 u 24 garżi. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għall-skop kummerċjali.

Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq

Warner Chilcott UK Limited

Old Belfast Road

Millbrook, Larne

County Antrim

BT40 2SH

Ir-Renju Unit

Manifattur

Warner Chilcott Deutschland GmbH

Dr.-Otto-Röhm-Strasse 2-4

64331 Weiterstadt

Il-Ġermanja

Warner Chilcott France

Parc d'activité de la Grande Brèche

5 rue Désir Prévost

91070 Bondoufle

Franza

Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

ANNEX IV

RAĠUNIJIET GĦAL TIĠDID ADDIZZJONALI WIEĦED

Raġunijiet għal tiġdid addizzjonali wieħed

Ibbażat fuq id-dejta li saret disponibbli minn meta nġatat l-ewwel Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq, il-Kumitat dwar Prodotti Mediċinali għall-Użu Uman (CHMP) jikkunsidra li l-bilanċ tal-benefiċċju-riskju ta' Intrinsa għadu pożittiv, iżda jikkunsidra li l-profil tas-sigurtà tiegħu għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib għar-raġunijiet li ġejjin:

L-użu off-label hu riskju għas-sigurtà. Hu ta' tħassib għas-CHMP li d-dejta mill-istudju THIN (The Health Improvement Database) tissuġġerixxi li madwar 70% tal-utenti jinsabu 'l barra mill-indikazzjoni.

Is-CHMP iddeċieda li d-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għandu jkompli jissottometti Rapporti Perjodiċi ta' Aġġornament dwar Sigurtà (PSURs) kull 6 xhur.

Għalhekk, ibbażat fuq il-profil tas-sigurtà ta' Intrinsa, li jeħtieġ is-sottomissjoni ta' PSURs kull 6 xhur, is-CHMP ikkonkluda li d-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għandu jissottometti applikazzjoni addizzjonali għat-tiġdid fi żmien 5 snin.